MINUTI

KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA

ID-DISA' KUNSILL

SEDUTA NRU. 30a

29 ta' Settembru 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 30 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2026 fil-5.30pm.

Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru. 29 li saret fis-26 ta' Awissu 2026, ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. Chess Buddies Malta Summer Meetups fil-Lokalità (S/4/2/Vol V)

2.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li ċ-Chess Buddies Meetups ser jibdew isiru kull ħmistax is-Sibtijiet bejn it-3.00pm u l-4.00pm fis-sala Joseph Borg.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.2.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li kien hemm konkorrenza tajba ħafna waqt l-Għoti tad-Demm nhar il-Ħadd, 27 ta' Settembru 2026. Hija ħadet din l-okkażjoni biex tirringrazzja lil kull min ta d-demm u l-ħaddiema tal-unit tal-Għoti tad-Demm għall-ħidma tagħhom.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħtif mogħti.

2.3.1. Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XXIV)

2.3.2. Dwar il-ħarġiet kulturali, il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-Kunsill ser jerġa jibda jorganizzahom f'Ottubru u l-ewwel ħarġa hija ppjanata għal Għawdex.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4) (V/1 Vol II)

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru 2026.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.5.1 Proġett ta' Self Maintained Public Convenience fi Triq l-Għoljiet (L/3)

2.5.2. Dwar il-proposta ta' Self Maintained Public Convenience fi Triq l-Għoljiet, is-Sindku G. Micallef qal li għandha ssir laqgħa apposta mal-Perit M. Casha sabiex issir aktar diskussjoni fuq dan il-proġett.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)

2.6.2. Dwar is-sessjonijiet 'Aqra Miegħi' fl-Irziezet ta' Selmun, il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li dawn ser jibdew f'Ottubru 2026 iżda s'issa l-Kunsill għad m'għandux data.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.7.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Lokali tat-Tfal wara l-waqfa tas-sajf, ser issir fil-5 ta' Ottubru 2026 fl-4.30pm.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.8.1. Żjara minn Delegazzjoni tal-Kunsill u l-Kor tal-Banda Imperial f'Cavriglia (K/1/5/4 Vol IV)

2.8.2. Dwar iż-żjara li delegazzjoni mill-Kunsill flimkien mal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għamlu f'Cavriglia bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2026, il-Kunsilliera J. Cauchi u L. Darmanin qalu li kienet esperjenza sabiħa ħafna kemm għalihom kif ukoll għall-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial.

2.8.3. Huma qalu li kienu milqugħa tajjeb ħafna f'Cavriglia mis-Sindku u l-membri tal-Comune di Cavriglia li offrewlhom ospitalità speċjali. Il-programm taż-żjara kien wieħed mimli daqs bajda. Għal dan il-għan, ħadu din l-okkażjoni biex jirringrazzjaw lil kull min kien involut sabiex din iż-żjara setgħet iseħħ u tkun suċċess. Għall-Kunsillier J. Cauchi din kienet it-tieni esperjenza f'Cavriglia.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)

3.1.2. Dwar il-proġett imsemmi, is-Sindku G. Micallef qal li Project Green avviċinaw lill-Kunsill u pproponew li jiġi ffirmat Addendum No. 1 b'rabta mal-Community Greening Grant Agreement li jistabbilixxi primarjament dan li ġej:

> ***"Article 6 - Compensation***
>
> *6.1 PG shall finance up to one hundred per cent (100%) of the approved project cost including any variations approved in writing by PG, subject always to the terms and conditions of the Agreement.*

3.1.3. Huwa qal ukoll dan l-Addendum jistabbilixxi li l-ispejjeż tal-maintenance agreement wara li jitlesta l-proġett ser jitħallsu minn Project Green anke wara li jgħaddu l-ħames snin.

3.1.4. Il-kontenut kollu tal-Addendum inġib għall-attenzjoni tal-membri u u l-membri kollha qablu li l-Addendum għandu jiġi ffirmat.

3.1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo ħa din l-okkażjoni sabiex jgħarraf li l-Kunsill intalab jikkonferma li jaqbel li l-ġnien jissemma għall-mibki s-Sur Alfred Borg.

3.1.6 Huwa qal ukoll li f'dan il-proġett, Project Green inkludew miġbħa u talbu lill-Kunsill jistax jidentifika persuna jew persuni li jkunu jistgħu jieħdu ħsieb l-immaniġjar u l-upkeep tagħha. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill E. Bartolo ssuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ 'Expression of Interest' sabiex dawk interessati jkunu jistgħu japplikaw.

3.1.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

3.2.1. Kampanja 'Clean Up the World' 2026 (F/1/7 Vol XIII)

3.2.2. Dwar il-Kampanja 'Clean Up the World' ta' din is-sena li saret nhar is-Sibt 19 ta' Settembru 2026 fl-inħawi tat-Torri l-Aħmar, is-Sindku G. Micallef l-ewwelnett xtaq jirringrazzja lill-parteċipanti kollha partikularment lil dawk li jipparteċipaw kull sena. Ringrazzjament speċjali jmur lill-Management tal-Maritim Antonine Hotel & Spa li ta' kull sena jieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

3.2.3. Is-Sindku xtaq ukoll jirringrazzja lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali għall-iskema ta' finanzjament SPI.SCI.02.2026 li kull sena permezz tagħha Kunsilli Lokali jingħataw għajnuna finanzjarja biex jorganizzaw inizjattivi ta' dan it-tip.

3.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

3.3.1 Il-Librerija Pubblika tal-Mellieħa (L/4/Vol IV)

3.3.2. Dwar il-librerija pubblika, is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li ż-żewġ air-condition units li kien hemm fil-librerija pubblika, inqalgħu kif kien miftiehem. Bħalissa qed jiġu ċċekkjati sabiex possibbilment dawn jeħlu fl-irziezet ta' Selmun u jkunu jistgħu jintużaw.

3.3.3. Min-naħa tiegħu, is-Sindku qal li huwa reġa' bagħat tfakkira lis-Sur Aleander Balzan, iċ-Chief Executive Officer 'il ġdid tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada biex il-Kunsill jingħata pre-fabricated classroom kif kien ġie mwiegħed.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 25/09/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/08/2026 – 25/09/2026;
- Skeda ta' Petty Cash – 10/07/2026 – 26/08/2026;
- Rendikont tad-Dħul u l-Ħruġ – Iljieli Melleħin 2026;
- Minuti tal-Kumitat t'Evalwazzjoni – 25/08/2026;
- Minuti tal-Konsultazzjoni Pubblika dwar it-Tkomplija tax-Xogħlijiet tal-WSC – 27/08/2026;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet.

5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

5.1.1. Laqgħa ma' Transport Malta dwar l-Immaniġġjar tat-Traffiku minn u lejn San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa (T/3/2 Vol XIX)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2026, huwa flimkien mal-Kunsilliera J. Buttigieg u E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin attendew laqgħa msejħa minn Transport Malta dwar l-immaniġġjar tat-traffiku minn u lejn San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa.

5.1.3. Huwa qal li l-ewwel proposta ta' Transport Malta kienet prattikament li t-traffiku direzzjoni Mellieħa jitla' kollu minn Triq il-Miżieb u t-traffiku direzzjoni San Pawl il-Baħar jinżel kollu mill-Manikata. Huwa qal li l-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għal diversi raġunijiet fosthom li ħafna aktar traffiku ser ikollu jgħaddi bilfors mill-Manikata u l-bdiewa li għandhom ir-raba' tagħhom il-Miżieb u li normalment jinżlu minn Triq il-Miżieb ser ikollhom jgħaddu mill-Manikata biex imbagħad jitilgħu minn Triq il-Miżieb. Proposta li ċertament ma kinitx waħda prattika.

5.1.4. Is-Sindku qal li bħala Transport Malta għamlu evalwazzjoni tal-proposta tal-Kunsill biex possibbilment isiru traffic lights fi Triq il-Miżieb, fil-parti l-aktar dejqa u fejn jispiċċaw jeħlu l-vetturi dawk telgħin u dawk neżlin. Transport Malta wara li għamlu traffic counts fl-inħawi, irriżulta li għalihom ma kinitx soluzzjoni vijabbli finanzjarjament.

5.1.5. Għal dan il-għan, is-Sindku qal li min-naħa tal-Kunsill tressqet il-proposta li Triq il-Miżieb titwessa' fl-aktar partijiet dejqa tagħha u min-naħa ta' Transport Malta qalet li ser tappoġġja din il-proposta. Fil-fatt Transport Malta ser ikunu qed jiddiskutu internament din il-proposta ma' Infrastructure Malta.

5.1.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li huwa personalment kien reġa' ħaseb fuq il-proposta li Triq il-Miżieb għandha titwessa' u għandha tkun is-soluzzjoni għal diversi problemi u issa fehem li ċertament din is-soluzzjoni tagħmel aktar sens.

5.1.7. Min-naħa tiegħu, il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-punt li kien għamel fis-seduta preċedenti fuq Triq il-Miżieb u liema linja kien ser jieħu l-Kunsill, u qal li l-posizzjoni tal-Kunsill għandha tkun li titwessa' Triq il-Miżieb.

5.1.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.2.1. Laqgħa mad-Direttur Ġenerali Ġdid tal-Cleansing and Maintenance Divistion (T/4/5 Vol IV)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Ħamis, 27 ta' Awissu 2026 huwa flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri attendew laqgħa msejħa md-Direttur Ġenerali l-ġdid tal-Cleansing and Maintenance Division (CMD) is-Sur Jude Zammit.

5.2.3. Is-Sindku qal li din kienet laqgħa pożittiva ħafna u ġew diskussi fost oħrajn is-servizz rikjest waqt il-jiem tal-festi, il-ħasil tat-toroq kif indikat fl-MOU kif ukoll fuq l-użu ta' makkinarju bħal sweepers li jistgħu jintużaw f'żoni speċifiċi fil-Mellieħa bħal f'Santa Maria Estate. Ġie nnutat li l-isweeper ftit li xejn kien qed jintuża fil-Mellieħa iżda ġie rrimarkat li jkun għaqli li jkun hemm sweepers allokati biex inaddfu fil-Mellieħa, partikularment f'toroq twal u żoni ta' ċertu daqs. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa kellhom l-opportunità jaraw il-makkinarju kollu li għandha d-Diviżjoni. Ġie miftiehem ukoll li importanti li jkun hemm follow-up wara din il-laqgħa.

5.2.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jara meta ser isir it-tindif tal-culverts li normalment isir f'Settembru. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li t-tindif tal-culverts qed jiġi kkordinat mas-CMD u għandu jibda fil-jiem li ġejjin.

5.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.3.1. Restawr u Preservazzjoni ta' Standard (Bandiera) tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/Vol II)

5.3.2. Is-Sindku rrefera għall-inizjattiva li l-Kunsill jirrestawra u jippreserva standard (bandiera) tal-iskola primarja tal-Mellieħa tal-1921, bil-għan li dan l-istandard jerġa' jingħata lura lill-iskola meta tinfetaħ mill-ġdid.

5.3.3. Għal dan il-għan, is-Sindku qal li saru kuntatti mal-Atelier del Restauro f'Malta u min-naħa tagħhom qalu li kellhom l-opportunità li jeżaminaw fid-dettall il-bandiera ċerimonjali storika, u sfortunatament tinsab fi stat ta' konservazzjoni ħażin u fraġli. Il-ħarir sofra deterjorament estensiv, fih tiċrit sinifikanti li jestendi mal-parti l-kbira tad-drapp, bit-truf u l-ħjut tal-ħarir mżarta, kif ukoll hemm partijiet mit-tessut ta' rinforz ta' taħt nieqes. Minkejja l-kundizzjoni tagħha, huma tal-fehma li din il-bandiera hija oġġett storiku importanti li bla dubju jistħoqqilha li tiġi kkonservata. Is-sena 1921 tikkoinċidi mal-introduzzjoni ta' Gvern awtonomu f'Malta, u dan jagħmel il-bandiera partikolarment interessanti fil-kuntest usa' tal-istorja tal-edukazzjoni f'Malta. Hija tmur lura għal perjodu meta l-iskejjel primarji kienu punti ta' riferiment importanti fil-komunitajiet tagħhom, u kienu jagħmlu parti mill-identità ċivika tal-irħula individwali. Illum, il-bnadar ċerimonjali storiċi marbuta speċifikament mal-iskejjel huma wkoll relattivament rari, u dan ikompli jsaħħaħ l-importanza u l-valur tal-preservazzjoni tagħha.

5.3.4. Is-Sindku qal ukoll li peress li l-intervent neċessarju meħtieġ huwa pjuttust estensiv, jeħtieġ li x-xogħol isir minn xi ħadd li għandu kompetenza speċjalizzata ħafna. Għal dan il-għan, issuġġerew li l-bandiera tittieħed Milan għand konservattriċi li tispeċjalizza fil-konservazzjoni tat-tessuti u għandha l-istudio speċjalizzat tagħha f'Milan. L-ispejjeż kollha nvoluti kemm għar-restawr kif ukoll għat-trasportazzjoni jammontaw għal €5,015.

5.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li dan l-istandard għandu jiġi rrestawrat għax kien ħa jkun ħasra kbira li jintilef u l-Kunsill ser ikollu mertu kbir għal din l-inizjattiva.

5.4.1 Ġnien Pubbliku fi Triq Marie Curie (ex Edmund Halley) (P/5/8/E)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Kunsill permezz tal-kuntrattur għamel xogħol ta' tindif fil-ġnien pubbliku ta' Triq Marie Curie. Hija qalet li xi residenti talbu li l-ġnien jinxteġħel, iżda meta l-electrician tal-Kunsill intbagħat fuq il-post, irriżulta li għad hemm il-connections tal-elettriku u tal-ilma mqabbdin ma' dar privata.

5.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jgħin fit-tindif tal-post.

5.5.1 Il-Pont tal-Mistra (T/4/4 Vol IV)

5.5.2. Dwar il-pont tal-Mistra u l-ħsara li ġiet osservata fil-wiċċ tat-tarmak, is-Sindku għarraf li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni ta' Infrastructure Malta u l-Kunsill huwa nfurmat li l-Perit responsabbli huwa l-istess Perit li kien responsabbli mix-xogħlijiet tal-bini mill-ġdid tal-ħajt li ġġarraf fi Triq il-Marfa. Jidher li

Infrastructure Malta ser tagħmel intervent fil-wiċċ tat-tarmak u wara minn taħt il-pont. Ix-xogħlijiet huma ppjanati li jsiru matul il-lejl.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (F/1/7 Vol XIII) (R/2/Vol III) (P/4/17)

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2026 żaret l-uffiċċju tal-Kunsill id-Direttur tal-Istrateġija u l-Implimentazzjoni tal-Policy fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

5.6.3. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll il-Kunsillier E. Bartolo fl-assenza tas-Sindku li ma setax ikun preżenti minħabba mpennji ta' xogħol.

5.6.4. L-għan ewlieni ta' din il-laqgħa kien li tinstab soluzzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jirkupra l-fondi li baqalu pendenti fir-rigward tal-iskema finanzjarja SPI.SCI.03.2020 u SPI.SCI.07.2021. Dan peress li dawn iż-żewġ skemi ilhom pendenti mis-sena 2020 u 2021 rispettivament.

5.6.5. Peress li l-proġetti li kienu proposti li jsiru permezz ta' dawn iż-żewġ skemi jiġifieri l-Proġett tal-Panoramic Lift u l-Proġett tal-Multi Purpose Court fil-Park tal-Familja għadhom ma bdewx, il-Kunsill intalab jidentifika proġetti oħrajn li possibiliment tlestew. Dan bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jagħmel il-claim u d-Diviżjoni tkun tista' tgħaddi l-fondi possibiliment din is-sena.

5.6.6. Għal dan il-għan, intlaħaq qbil li l-Kunsill jagħmel talba biex isiru dawn it-tibdiliet tal-proġett:

SPI.SCI.03.2020: minflok il-Proġett tal-Panoramic Lift, il-Kunsill jagħmel claim għall-ispejjeż tal-Proġett 'Street Lighting Retrofitting Project'; u

SPI.SCI.07.2021: minflok il-Proġett tal-Multi Purpose Course, il-Kunsill jagħmel claim għall-ispejjeż tal-Proġett 'Triq Edward Camilleri New Street Lighting'.

5.6.7. Madanakollu, ġie miftiehem li l-Kunsill ikun jista' jerġa' japplika għall-fondi għall-proġett tal-Panoramic Lift u tal-Multi Purpose Court.

5.6.8. Is-Sindku G. Micallef xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jgħarraf li l-Perit M. Casha qed jaħdem fuq is-sejħiet għall-offerti dwar it-tisbiħ tal-Ġonna Pubbliċi. Huwa qal li l-Perit jista' jaħdem fuq sejħa għall-offerti waħda li tinkorpora fiha x-xogħol kollu neċessarju tal-Ġonna Pubbliċi kollha, li iżda jekk isir hekk l-ispiża għall-Kunsill ser tkun waħda konsiderevoli. Inkella, l-Perit jista' jipprepara sejħiet għall-offerti separati jiġifieri sejħa għall-offerti għal in situ rubber flooring għall-Ġonna Pubbliċi kollha, sejħa oħra għall-play equipment tal-Ġonna Pubbliċi kollha, eċċ. Dan il-metodu fil-fehma tiegħu huwa aħjar anke minħabba l-finanzjament neċessarju.

5.6.9. Dwar il-belveder propost fi Triq l-Għerien, il-Perit M. Casha qed jaħdem fuq is-site plan li trid tiġi ppreżentatha lil Transport Malta u fuq l-applikazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-art lill-Awtorità tal-Artijiet.

5.6.10. Dwar l-għamara tat-toroq fir-roundabouts, eċċ, il-Perit qed jipprepara l-applikazzjonijiet biex il-Kunsill iġib il-permessi DNO's rispettivi.

5.6.11. Is-Sindku G. Micallef għarraf ukoll li l-Kunsill kiseb il-permess neċessarju biex ix-xogħlijiet fil-Multi Purpose Court fil-Park tal-Familja jingħata permezz ta' Direct Order. Huwa ppjanat li jibdew il-kuntatti mal-ewwel mal-kuntrattur li wera nteress li jidħol għax-xogħlijiet, biex jekk ikun jista' jantiċipa xi xogħlijiet ikun jista' jibda jagħmel dan.

5.6.12. Dwar ix-xogħol fit-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar, is-Sindku għarraf li x-xogħlijiet mistennija jerġgħu jibdew fit-12 ta' Ottubru 2026, wara l-waqfa tas-sajf.

5.6.13. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.7.1 Proposta dwar introduzzjoni ta' Un/Loading Bay oħra viċin l-Istabbiliment Wellbee's (T/3/2 Vol XIX)

5.7.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-konġestjoni tat-traffiku li qed ikun hemm fl-akkwati tal-istabbiliment Wellbee's partikularment fil-ħinijiet li jkun hemm id-delivery trucks. Huwa qal li qed ikun hemm pressjoni mir-residenti ta' dawn l-inħawi minħabba li qed isir ħafna double parking u minħabba l-problema tal-konġestjoni tat-traffiku.

5.7.3. Huwa qal ukoll li r-realta' hija li d-delivery trucks li jiġu bid-deliveries għall-istabbilimenti Wellbee's żdiedu ħafna u għal dan il-għan possibbilment għandha tinstab soluzzjoni biex l-inkonvenjenza titnaqqas. Għal dan il-għan huwa xtaq jara xi tkun l-opinjoni tal-Kunsill jekk il-Kunsill jikkunsidra l-introduzzjoni ta' un/loading bay oħra fi Triq Ta' Fuq il-Migduma fejn hemm l-iBins.

5.7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-problema tkun jekk jibda jintuża l-fork lifter biex jieħu l-konsenji l-Wellbee's Supermarket u joqgħod jaqsam Triq il-Fortizza.

5.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.8.1. Tiġrif tal-Ħajt fi Triq il-Marfa (T/4/4 Vol IV)

5.8.2. Is-Sindku G. Micallef qal li proprju fis-silta 5.8.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti, kien sar aċċenn għax-xogħlijiet pendenti ta' Infrastructure Malta fil-Mellieħa u proprju wieħed mill-punti kien il-ħajt ta' Triq il-Marfa li sfortunatament iġġarraf nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru 2026 wara li għamlet ammont ta' xita.

5.8.3. Is-Sindku qal li llum għaxart ijiem wara tħabbar li Triq il-Marfa ser terġa tinfetaħ għat-traffiku. Huwa xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jirringrazzja lill-Ministru l-Onor. Jonathan Attard, lill-Perit Johann Farrugia, Infrastructure Malta u l-kuntrattur għax-xogħol kollu li sar biex il-ħajt inbena mill-ġdid f'qasir żmien. Huwa xtaq jirringrazzja wkoll lill-Ministru l-Onor. Chris Bonett għall-involviment tiegħu biex ikun hemm is-servizz tax-xhuttle mill-għada li waqa' l-ħajt peress li t-triq ingħalqet għat-traffiku kif ukoll għall-pubbliku minħabba l-periklu li seta' kien hemm.

5.8.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jagħmel punt t'informazzjoni dwar Triq il-Marfa u qal li l-parti fejn waqa' l-ħajt hija meqjusa bħala triq distributorja u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Huwa qal li qed jgħid dan, għax fil-passat il-Kunsill għamel erba' interventi fuq l-istess ħajt fl-istess inħawi.

5.8.5. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-intervent li sar bilfors li kellu jsir minn Infrastructure Malta għax il-Kunsill ċertament li ma kellux il-mezzi li jibni l-ħajt mill-ġdid f'daqshekk qasir żmien. Hemm il-kwistjoni wkoll jekk il-ħajt hux tal-privat jew mod ieħor.

5.8.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li d-differenza din id-darba kienet li l-azzjoni li ttieħdet ma kinitx azzjoni preventiva iżda azzjoni immedjata.

5.8.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.9.1. Proposta ta' Bus Interchange f'Selmun (T/5/1 Vol III)

5.9.2. Dwar il-Bus Interchange f'Selmun, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill tilef l-appell li għamel quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Madanakollu, huwa qal li kiteb lill-

Ministru l-Onor. Chris Bonett fejn talbu jikkunsidra mill-ġdid anke fid-dawl tal-proposta tal-proġett nazzjonali Malta in Motion.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa ppjanati li jerġgħu jibdew f'Novembru 2026, is-Sindku għarraf li wara talba li għamel il-Kunsill sabiex issir laqgħa mal-komunità kummerċjali, il-laqgħa saret il-Ħamis, 27 ta' Awwissu 2026 fit-3.30pm fis-sala Joseph Borg.

5.10.3. Is-Sindku G. Micallef qal li sfortunatament huwa flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa, peress li fl-istess ħin kellhom jattendu għal-laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Cleansing and Maintenance Division. Madanakollu, huwa rrefera għall-minuti tal-laqgħa u għall-preżentazzjoni fejn kien hemm spjegat dak kollu li ntqal.

5.10.4. Huwa qal li x-xogħol huwa ppjanat li jibda fit-2 ta' Novembru 2026 u ssuġġerixxa li jinfetaħ Whatsapp Channel mal-komunità kummerċjali sabiex jekk ikun hemm xi issues ikunu jistgħu jiġu ndirizzati.

5.10.5. Dwar ix-shuttle service, is-Sindku qal li l-frekwenza ser tkun ta' seba' minuti minflok ta' għoxrin minuta kif kienet fl-ewwel fażijiet ta' dawn ix-xogħlijiet. Peress li x-shuttle fl-inħawi tal-Għadira ser titla' u tinżel minn Triq l-Erwieħ, ser ikun hemm bus stop temporanji quddiem iċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji u fi Triq il-Marfa faċċata ta' Triq l-Erwieħ.

5.10.6. Dwar bus stops temporanji viċin l-entratura tal-Mellieħa, huwa qal li l-Kunsill qed jibqa' jinsisti biex ikun hemm bus stops temporanji f'din l-area. Dan anke peress li l-bus stops Ruman fit-Telgħa ta' Selmun m'għadhomx joperaw.Fil-fatt il-Kunsill talab li jiġu kkunsidrati bus stop temporanju fi Triq Lewis Wettinger ma' Triq il-Mitħna l-Qadima/Triq id-Deru għal min joqgħod fiż-żona Ta' Masrija u Triq Lewis Wettinger ma' Triq l-Iżbark tal-Franċizi biex jiffaċilitaw it-traġitt għal min joqgħod fl-inħawi Ta' Braġ, il-Kortin u Santa Maria Estate

5.10.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li jekk jitneħħew żewġ parkeġġi fi Triq Ħalq iċ-Ċawl, il-karozzi tal-linji jkunu jistgħu jidħlu safejn l-istabbiliment Wellbee's u jduru. Huwa qal li għandu informazzjoni li tal-linja lesti li jidħlu minn Triq l-Iżbark tal-Franċizi.

5.10.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Dwar il-proġett 'Different Stories, One Community - Voice of Mellieħa through Youth-Led Intercultural Connections', il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-proġett miexi u fis-17 ta' Settembru 2026 saret attività oħra bit-tema 'Music Workshop din id-darba fis-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Din l-attività kienet immirata għal tfal bejn il-ħames u l-ħdax 'il sena. Barra minn hekk, bħalissa ż-żgħażagħ qed jaħdmu fuq il-podcast u fih hemm l-involviment anke ta' żgħażagħ barranin.

5.11.3. Is-Sur J. Cauchi min-naħa tiegħu qal fil-15 ta' Settembru 2026 saret team building event bejn iż-żgħażagħ infushom, biex ġew diskussi ideat kif jista' jkun hemm aktar inklużjoni fil-komunità. Huwa qal ukoll li l-EUPA tixtieq tagħmel meeting online maż-żgħażagħ kollha nvoluti, iżda qed tkun diffiċli li tinstab data konvenjenti għal kulħadd. Huwa xtaq jirringrazzja lil Youth Leader li qed issegwi u taħdem ħafna fil-qrib ta' dawn iż-żgħażagħ.

5.11.4. Is-Sindku G. Micallef qal li jekk hemm din id-diffikultà, importanti li din tiġi kkomunikata mal-EUPA ħalli tinstab alternattiva. Huwa qal ukoll li importanti li jsir reporting regolarment tal-attivitajiet kollha li qed isiru.

5.11.5. Il-Kunsillier J. Cauchi rrefera wkoll għall-istedina li l-EUPA bagħtet lill-Kunsill għal 'EUPA Grand Award Ceremony' li ser issir fis-16 ta' Ottubru 2026 u qal li huwa disponibbli li jattendu hu f'isem il-Kunsill.

5.11.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.12.1. It-Tletin Sena Anniversarju mill-Iffirmar ta' Ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Adenau (K/1/5/Vol V)

5.12.2. Dwar l-istedina li s-Sindku ta' Adenau għamel lill-Kunsill biex jiġi kkommemorat l-anniversarju msemmi, il-Kunsillier E. Bartolo qal li d-delegazzjoni tal-Kunsill ser tkun komposta mis-Sindku, mill-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri, mill-Kunsillier John Buttigieg, minnu u mis-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li minn Stadt Adenau bagħtu l-programm taż-żjara bejn it-2 u s-6 ta' Ottubru 2026 u hemm elenkat li ċ-ċerimonja uffiċjali li ser tfakkar dan l-anniversarju importanti, ser issir nhar is-Sibt 3 t'Ottubru 2026.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.13.1. Il-Multi Purpose Court u d-Dressing Rooms fil-Park tal-Familja (P/4/6 Vol VI)

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-works order li Selmun Sports Club issottomettew lid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, biex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fid-dressing rooms partikularment fil-kmamar li jużaw huma bħala klabb minħabba l-ħsarat li saru riżultat tad-dħul tal-ilma tax-xita. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni ta' Selmun Sports Club peress li l-works order jsiru min-naħa tal-Kunsill, anke għall-fatt li l-ispejjeż tal-materjal li ser ikun hemm bżonn ser jitħallsu mill-Kunsill.

5.13.3. Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba li saret minn Selmun Sports Club ukoll, sabiex il-ħinijiet tal-kustodju jiġu estiżi b'nofs siegħa darbtejn fil-ġimgħa kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ħamis.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ma sabx oġġezzjoni għal dak mitlub.

5.14.1. Żjara mill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi fil-Mellieħa (M/4/2 Vol II)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Onor. Alison Zerafa Civelli wriet ix-xewqa li żżur il-lokalità tal-Mellieħa nhar il-Ħamis l-1 ta' Ottubru 2026 filgħaxija. L-għan ewlieni ta' din iż-żjara huwa li possibbilment hija jkollha l-opportunità li żżur postijiet fejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed jagħmel jew ser jagħmel xogħlijiet jew interventi kif ukoll tiltaqa' ma' xi għaqdiet lokali.

5.14.3. Għal dan il-għan, is-Sindku qal li tfassal programm fejn il-Ministru ser ikollha l-opportunità li żżur:
(i) il-Multi Purpose Court u d-Dressing Rooms fil-Park tal-Familja. Hawnhekk ser ikun hemm rappreżentanti wkoll minn Selmun Sports Club;
(ii) il-Mellieħa Football Ground fil-preżenza tal-kumitat tal-Mellieħa Sports Club;
(iii) is-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria;
(iv) is-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial; u
(v) is-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. B'referenza għall-proġett imsemmi, is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li wara li l-kuntratt ffirmat ma' Delta Projects Ltd ġie kkanċellat, Delta Projects Ltd aċċettaw iżda għamlu talba sabiex il-Kunsill iħallas l-ispejjeż marbuta mal-Garanzija Bankarja li Delta Projects Ltd kellhom jagħmlu b'rabta mal-kuntratt li kienu ngħataw. Hija qalet li l-ispiża kienet tammonta għal €562.72c.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u l-membri kollha qablu li l-Kunsill għandu jħallas dawn l-ispejjeż lil Delta Projects Ltd.

5.16.1. Sejħiet għall-Offerti (K/6)

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kumitat t'Evalwazzjoni ltaqa' lbierah it-Tlieta, 28 ta' Settembru 2026 u evalwa dawn is-sejħiet għall-offerti:

(i) **MLC 05/2026 - Bulky Refuse Collection –** il-Kumitat t'Evalwazzjoni rrakkomanda li l-kuntratt jingħata lil AgriBrands Ltd peress li s-sottomissjoni kienet fully compliant u the cheapest compliant; u

(ii) **MLC 04/2026 – Manikata Parish Church Architectural Lighting** - il-Kumitat t'Evalwazzjoni qabel li għalkemm għal din il-parti tal-laqgħa ngħaqad b'mod virtwali l-Ing. J. Cutajar li ta spjega dwar ir-rapport tekniku li huwa ntalab iħejji, matul l-isoring ġie nnutat li l-Ing. J. Cutajar għandu jerġa' jintalab jagħti gwida din id-darba dwar id-dettalji b'rabta mad-dokumentazzjoni sottomessa mill-offerenti.

5.16.3. Is-Sindku għarraf ukoll li fl-1 ta' Ottubru 2026 tagħlaq is-sejħa għall-offerti dwar il-'Formation and Construction of Bases for the Erection of Bus Shelters at Various Streets in the Locality'. Fit-2 t'Ottubru 2026, ser tiġi ppubblikata s-Sejħa għall-Offerti 'Re-construction of staircase section of Triq Gorg Borg Olivier'.

5.16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.17.1. Il-Festa ta' San Ġużepp u l-Festa tal-Vitorja (F/2 Vol VIII)

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jirringrazzja lill-membri u l-istaff tal-Kunsill għas-sehem tagħhom fil-kordinazzjoni tas-servizzi neċessarji waqt il-jiem tal-festi. Huwa xtaq jirringrazzja wkoll lid-Dipartiment tal-Pulizija partikularment lill-Ispettur Ivan Mifsud, lis-Surġent Anton Buttigieg, lis-Surġent Oriella Degabriele mill-Għassa tal-Qawra u lit-tim kollu tal-Pulizija għas-servizz tagħhom. Huwa qal li bagħat ittra ta' ringrazzjament uffiċjali lill-Kummissarji tal-Pulizija kif ukoll lid-Direttur Ġenerali tal-Cleansing and Maintenance Division għas-servizz ta' tindif li ngħata partikularment bil-lejl fi tmiem l-attivitajiet u l-marċi.

5.17.3 Huwa rrimarka li sfortunatament għalkemm il-Pulizija extra duty kien ilhom ibbukkjati, fl-aħħar ħin il-Kunsill ġie mgħarraf li d-Dipartiment tal-Pulizija ma kellux in-numru ta' Pulizija li kien talab il-Kunsill għal bejn is-6 u t-8 ta' Settembru 2026. Sfortunatament lanqas kien hemm uffiċjali disponibbli min-naħa tal-LESA u lanqas min-naħa ta' Transport Malta. Għaldaqstant il-Kunsill kellu jirrikorri għas-servizzi ta' security personnel privati peress li bilfors kellu jkun hemm xi ħadd mal-barriers. Huwa qal li dan sar bil-permess tal-Ministru responsabbli, għax il-Ministru kien konxju li ma kienx hemm uffiċjali tal-Pulizija disponibbli. Fuq dan il-punt, il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li sena oħra, il-Kunsill jieħu ħsieb jibbukkja l-uffiċjali tal-LESA sal-bidu ta' Lulju sabiex jekk ma jikkonfermawx tittieħed azzjoni minnufih.

5.17.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li jkun qed jonqos jekk ma jsemmiex li l-entużjażmu ta' ċertu żgħażagħ din is-sena ġera bihom. Huwa qal li kien hemm numru sabiħ ta' żgħażagħ li ħadu sehem fl-attivitajiet tal-festa iżda sfortunatament deher fiċ-ċar li kien hemm element ta' kompetizzjoni u f'ċertu mumenti inqabżu anke l-limiti fl-imġieba tagħhom.

5.17.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li huwa personalment ġie avviċinat mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina, mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u mill-Għaqda Mużikali Imperial għax ħassew li l-imġieba ta' ċertu żgħażagħ bl-atteġġjamenti tagħhom ma kinitx xierqa lejn l-għaqdiet tagħhom. Huwa qal li kien hemm numru ta' żgħażagħ li nżebgħu biż-żebgħu u fuqhom stess kitbu kliem dispreċċjattiv immirati lejn l-għaqdiet l-oħra u anke użaw il-midja soċjali biex għamlu dan. Huwa qal li l-Kunsill jonqos jekk ma jsemmiex dawn l-episodji xejn pjaċevoli, anke fid-dawl li f'dawn l-aħħar snin ma kien hemm xejn minn dan għaddej waqt il-jiem tal-festa. Huwa qal li hija ħasra li kien hemm tant involviment miż-żgħażagħ din is-sena u ġara li ġara.

5.17.6. Is-Sindku G. Micallef u l-Kunsillier J. Buttigieg qalu li dawn il-messaġġi waslu għandhom ukoll u s-Sindku qal li jemmen fl-awtonomija u min-naħa tiegħu ssuġġerixxa li l-kumitati tal-għaqdiet involuti għandhom jitkellmu bejniethom u huwa jidhirlu li fil-fatt il-kumitat kienu ltaqgħu bejniethom diġa'. Huwa kompla billi qal li ma jħossx li l-Kunsill għandu jidħol f'sitwazzjonijiet bħal dawn, għax il-festa finalment hija tal-Parroċċa. Huwa qal li huwa tal-fehma li l-laqgħa li kienet issir qabel bejn l-Arċipriet u l-għaqdiet involuti fil-festa, għanda terġa' tibda ssir. Huwa żied jgħid li l-Pulizija ppruvaw iżommu linja.

5.17.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li ż-żewġ għaqdiet iltaqgħu mal-Pulizija qabel il-festa, u kien tal-fehma li f'din il-laqgħa kellu jkun hemm il-preżenza tal-Kunsill Lokali. Huwa qal ukoll li jaqbel mal-punti li għamel il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri.

5.17.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill Lokali jagħti għajnuna finanzjarja lil dawn l-għaqdiet, għaldaqstant bħala Kunsill għandna nitkellmu mal-għaqda konċernata u tinġibet l-attenzjoni. Huwa qal li huwa wieġħed li ser ikun qed jiddiskuti din is-sitwazzjoni fis-seduta u jemmen li l-Kunsill għandu jibgħat komunikazzjoni min-naħa tiegħu.

5.17.9. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li meta jinqalgħu sitwazzjonijiet bħal dawn, l-aġħar li jista' jiġri huwa li jkun hemm il-konsegwenzi.

5.17.10. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li pika żejda għandha tiġi evitata u huwa nfurmat li l-Għaqda tan-Nar Maria Bambina diġa' ltaqgħu mal-għaqda konċernata.

5.17.11. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-punt kruċjali kien li l-għaqda opposta ma waqgħetx għall-provokazzjonijiet li saru mill-għaqda konċernata. Huwa qal li l-Kunsill għandu jsib il-mod u l-ħin opportun li dan jiġi kkomunikat biex jiġu evitati konsegwenzi fis-snin li ġejjin. Huwa qal li l-osservazzjoni li għamel il-Viċi Sindku hija osservazzjoni tajba.

5.17.12. Min-naħa tiegħu, il-Kunsillier K. Buttigieg xtaq iressaq suġġeriment sabiex għall-festa tas-sena d-dieħla, l-istabbilimenti kummerċjali prinċipalment dawk fit-toroq prinċipali, jiġu mwissija sabiex ma joħorġux il-boroż tal-iskart tagħhom bil-lejl.

5.17.13. Min-naħa tagħha, il-Kunsilliera C. Castillo qalet li ġiet avviċinata mir-residenti ta' Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa li talbu li sena oħra jkunu mistiedna jattendu għal-laqgħa tal-festa.

5.17.14. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.18.1. Kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Għaqdiet Lokali (S/6/Vol VII)

5.18.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf għall-imejl data 14 ta' Settembru 2026, mibgħut mill-Grupp tal-Armar Marija Bambina fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex possibbilment isiru tiswijiet tal-armar tal-festa.

5.18.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Kunsill għandu jikkollabora billi jgħin b'mod finanzjarju u jalloka €800 għal dan il-għan.

5.18.4. Is-Sindku rrefera wkoll għall-imejl datat 2 ta' Settembru 2026, mibgħut mill-Mellieħa Baseball and Softball Club fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-istaġun sportiv 2026/2027.

5.18.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Kunsill għandu jikkollabora bħalma għamel fis-snin preċedenti u jgħin b'mod finanzjarju billi jalloka €750 mill-fondi tiegħu u €750 mill-Fond RT001 tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana.

5.18.6. Din il-kollaborazzjoni qed tingħata fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363).

5.18.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.19.1. Il-Bini mill-Ġdid tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1 Vol II)

5.19.2. Saret referenza għal-laqgħa li l-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin kellhom mal-Perit Warren Cardona u l-kuntrattur ta' PRA Construction Ltd dwar il-bini mill-ġdid tal-iskola primarja tal-Mellieħa.

5.19.3. Fil-fatt, PRA Construction Ltd ser tkun responsabbli mit-twaqqiegħ, il-bini mill-ġdid u l-finishings tal-iskola primarja tal-Mellieħa.

5.19.4. Waqt din il-laqgħa, il-Kunsill intalab li jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex il-parking li hemm faċċata tal-Kunsill jingħalaq u jintuża bħala 'safe working area' mill-makkinarju li ser ikun qed jaħdem fl-iskola. Madanakollu, intlaħaq ftehim li tal-inqas ma jittieħidx il-parking kollu iżda jitħallew tmien parking lots għall-użu tal-pubbliku u l-parking jingħalaq minn quddiem l-entratura tal-iskola li hemm f'nofs il-parkeġġ.

5.19.5. Matul din il-laqgħa, ġie kkonfermat li s-sala u l-faċċata tal-iskola mhux ser jitwaqqgħu.

5.29.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.20.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-Mellieħa (W/2/Vol IV)

5.20.2. Dwar l-aħħar fażi tax-xogħlijiet fi Triq il-Miżieb, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma talbet li t-triq tingħalaq kompletament biex isir l-asfaltar tat-triq mit-Tnejn 28 ta' Settembru 2026, iżda din in-notifika ġiet irtirata.

5.20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.21.1. Il-Festa tal-Qara 2026 (A/5/3 Vol XVI)

5.21.2. Dwar il-Festa tal-Qara li ser issir nhar il-Ħadd 25 ta' Ottubru 2026 fil-Manikata, is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill għamel kuntatt mal-Koperattiva Rurali Manikata u l-Għaqda San Ġużepp biex possibbilment jieħdu sehem f'din l-attività. Huwa qal li ġew mistiedna jipparteċipaw ukoll il-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa u l-Artemocion Dance Studio apparti dawk li jixtiequ li jarmaw xi stands. Sfortunatament il-Malta Food Agency din is-sena ma tistax tipparteċipa.

5.21.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li ssir taħdita li matulha titqajjem aktar kuxjenza dwar il-ħsara li l-bagħal tan-naħal qed jagħmel lin-naħla Maltija. Huwa qal li bdiewa u raħħala mill-Mellieħa u l-Manikata jkunu mistiedna jipparteċipaw biex anke possibbilment jinbeda xi proġett għal dan il-għan.

5.21.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa lis-Sur Charles Psaila, Mellieħa li għandu esperjenza kbira fil-qasam tan-naħal. Huwa qal ukoll li l-Bord tal-Park tal-Majjistral jista' jidentifika xi persuna jew persuni.

5.21.5. Min-naħa tiegħu s-Sindku qal li huwa diġa' għamel kuntatt mas-Sur Lino Cini mill-Malta Beekeepers Association li aċċetta li jagħmel taħdita.

5.21.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.22.1. Attivitajiet fl-Irziezet ta' Selmun bħala parti mill-European Heritage Week (A/5/3 Vol XVI)

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar il-Ħadd, 18 t'Ottubru 2026 Anakron u ARKEO ser itellgħu ġurnata attivitajiet fl-irziezet ta' Selmun bħala parti mill-European Heritage Week.

5.22.3. Huwa qal li ser ikun hemm taħditiet varji u dimostrazzjonijiet tal-fuħħar fost oħrajn.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.23.1. Kampanji t'Għarfien matul ix-Xahar t'Ottubru (K/11)

5.23.2. Ix-xahar t'Ottubru huwa x-xahar li matul jsiru kampanji ta' aktar għarfien dwar is-Saħħa Mentali u l-Prevenzjoni tal-Mard fis-Sider.

5.23.3. Għal dan il-għan, is-Sindku G. Micallef qal li nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2026, il-Kunsill ser jorganizza l-inizjattiva 'Walk for Hope' li ser tkun tikkonsisti f'mixja matul Triq il-Kbira u tispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

5.23.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li tkun ħaġa sabiħa jekk magħha namalgamaw il-'World Singing Day' bl-involviment tal-għaqiet mużikali.

5.23.5. Is-Sindku qal li f'dan il-każ, din il-parti tal-attività tiġi kkordinata mill-Viċi Sindku u jsiru l-arranġamenti meħtieġa kollha min-naħa tiegħu.

5.23.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.24.1. Tpoġġija ta' Bankijiet f'Forma ta' Luzzu fl-Għadira (X/1/6 Vol II)

5.24.2. Il-Kunsilliera J. Buttigieg u E. Bartolo ġew mistiedna jattendu onsite meeting organizzat minn Infrastructure Malta dwar it-tpoġġija ta' żewġ bankijiet f'forma ta' luzzu fl-Għadira. Dawn il-bankijiet jintużaw prinċipalment biex il-pubbliku u t-turisti jieħdu ritratti magħhom.

5.24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u laqa' din l-inizjattiva b'mod pożittiv ħafna.

5.25.1. Is-Sentenza tal-Qorti b'rabta mal-każ 865/2021RM Michelle Debattista pro et noe vs Jonathan Hili et L-Awtorità għat-Trasport ta' Malta et Kunsill Lokali Mellieħa (D/5 Vol II)

5.25.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-avukat tal-Kunsill Dr Jurgen Micallef bagħat imejl lill-Kunsill datat 28 ta' Settembru 2026 fejn għarraf lill-Kunsill, li fit-28 ta' Settembru 2026 il-Qorti qatgħet is-sentenza tal-każ imsemmi.

5.25.3. Dr Jurgen Micallef xtaq jgħarraf lill-Kunsill, li l-Kunsill Lokali ma nstabx ħati tal-ebda akkuża fil-każ imsemmi. Kopja tas-sentenza rispettiva ntbagħtet lill-Kunsill.

5.25.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u s-sensittività tal-każ.

5.26.1. Tabiet għall-Faċilitajiet ta' Ħatt u Tagħbija u ta' 15-Minute Parking (T/3/2 Vol XIX)

5.26.2. Saret referenza għat-talba li s-sidien ta' Corehaus Hardware Store ta' 145, Triq Gorg Borg Olivier għamlu biex tiġi ntrodotta un/loading bay quddiem l-istabbiliment li huma ser jifthu dalwaqt. It-talba hija li l-unloading bay tkun ristretta kif ġej:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn il-5:30 a.m. u s-7:00 p.m.
Is-Sibtijiet bejn il-5:30 a.m. u t-3:00 p.m.
Il-Ħdud bejn is-7:00 a.m. u l-11:00 a.m.

5.26.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li bl-introduzzjoni tal-unloading bays, il-parking għar-residenti ta' dawn it-toroq ħa jkompli jintilef.

5.26.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li possibiliment l-unloading bay issir minflok l-eqreb parking bay viċin il-bus stop.

5.26.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li l-ħinijiet mitluba huma esaġerati. Għaldaqstant kien hemm qbil li possibbilment il-ħin tal-ħatt u tagħbija jkun mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9.00am u s-2.00pm.

5.26.6. Saret referenza għat-talba li s-sidien ta' Nora's Restaurant fi Triq il-Marfa għamlu biex tiġi ntrodotta un/loading bay fi Triq Dawret it-Tunnara kantuniera ma' Triq il-Marfa.

5.26.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li normalment il-Kunsill jibbaża dawn it-tip ta' talbiet fuq kemm stabbilimenti jkun hemm fl-inħawi u li minnhom ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-faċilità ta' parkeġġ għall-ħatt u t-tagħbija. F'dan il-każ, jidher li kemm-il darba ssir ħa tkun qed issir għal dan l-istabbiliment partikolari biss.

5.26.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li fl-inħawi hemm stabbilimenti kummerċjali oħra li jistgħu jużaw din l-unloading bay. Apparti minn hekk, il-posizzjoni tagħha mhux ser tkun ta' inkonvenjent. Għal dan il-għan, il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil Transport Malta u t-talba ssir għall-ħinijiet speċifiċi: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9.00am u s-1.00pm.

5.26.9. Saret referenza wkoll għat-talba li saret minn Artemocion Dance & Leisure Studio biex parking bay quddiem din l-iskola ta' żfin, tinbidel għal 15-Minute Parking Bay. Dan bil-għan li ġenituri li jmorru jwasslu jew jiġbru lill-uliedhom, ikunu jistgħu jipparkjaw għal żmien qasir biss. Din it-talba saret peress li waqt ħinijiet partikolari, qed ikun hemm konfużjoni u double parking u s-sitwazzjoni kif inhi mhux safe għall-istudenti.

5.26.10. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li b'parking bay waħda ta' 15-il minuta parking mhux ser tissolva din il-problema. Dan peress li l-ġenituri jmorru jwasslu u jiġbru lill-uliedhom kollha fl-istess ħinijiet. Għaldaqstant dan il-parkeġġ għal 15-il minuta ċertament li mhux ser isolvi din il-problema.

5.26.11. Fid-dawl ta' din l-osservazzjoni, il-Kunsill qabel li l-parkeġġ għandu jibqa' kif inhu fil-preżent.

5.26.12. Saret referenza għat-talba li saret minn Sphinx Pastizzeria biex bħala stabbiliment ikunu allokati parkeġġ wieħed ta' ħmistax-il minuta. Peress li fil-viċinanzi hemm diġa' l-faċilitajiet ta' parkeġġ għall-ħatt u tagħbija, il-Kunsill dehrlu li din it-talba m'għandhiex tiġi aċċettata.

5.26.13. Saret referenza għat-talba li għamlet Ms Catherine Cauchi biex tiġi ntrodotta unloading bay quddiem il-ħanut 'il ġdid tagħha f'numru 303, Triq Ta' Masrija.

5.26.14. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li filgħodu fi Triq Ta' Masrija ma jkunx hemm problemi ta' parking u għaldaqstant jekk vann jiġi bid-delivery isib fejn jipparkja biex iħott jew jgħabbi. Il-problema prinċipali f'din it-triq hija l-problema ta' parkeġġ filgħaxija. Għal dan il-għan, il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba m'għandhiex tiġi milqugħa.

5.27.1. Proposta biex Misraħ il-Parroċċa, il-Manikata ssir Żona Pedonali (M/1)

5.27.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li ġie avviċinat minn resident li joqgħod il-Manikata dwar il-possibiltà li Misraħ il-Parroċċa, il-Manikata ssir żona pedonali. L-istess resident ipprovda viżwal ta' kif kieku tkun tidher din il-pjazza.

5.27.3. Il-Viċi Sindku żied jgħid li kieku l-pjazza tal-Manikata kellha tingħalaq għat-traffiku, il-komunità li tgħix il-Manikata jkollha pjazza fit-totalità tagħha u sigura.

5.27.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li kieku din il-proposta kellha sseħħ, il-pjazza tkun aktar adattata għal meta jkun hemm funeral jew tieġ.

5.27.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-passat kien diġà nibet dan il-ħsieb, fil-fatt it-tqattiegħ tal-blat kien beda iżda ma nafux għaliex kien waqaf. Huwa qal ukoll li importanti li l-alignment ta' Ġnien iż-Żerniq jibqa' kif inhu għax il-ġnien qiegħed aligned kif suppost. Huwa qal li wieħed irid jara jekk Infrastructure Malta hux lesta li tkompli tqatta' mill-blat biex it-triq titwessa' u biex takkomoda b'mod sigur 'a two way traffic' minn wara l-ġnien, u din il-proposta tkun tista' tiġi implimentata.

5.27.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.28.1. Laqgħa mal-LESA (W/3 Vol XII)

5.28.2. Dwar il-laqgħa bejn il-Kunsill u l-LESA, is-Sindku għarraf li din qegħda in progress.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.29.1. Id-Defence Post fi Triq l-Għollieqa (R/2 Vol III)

5.29.2. Dwar id-Defence Post fi Triq l-Għollieqa, il-Kunsillier E. Bartolo qal li persuna avviċinatu peress li huwa interessat li jirrestawraha u jnaddaf l-area ta' madwarha. Huwa qal li din il-persuna ma trid l-ebda ownership iżda tixtieq li tagħti lura xi ħaġa lill-komunità.

5.29.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li d-Defence Post hija devoluta lill-Kunsill.

5.29.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li bħalissa tinsab miftuħa u sfortunatamanet mitluqa.

5.29.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li dan il-persuna għandu jibgħat bil-miktub u b'mod uffiċjali l-ħsieb tiegħu x'inhu, peress li jkunu jridu jsiru kuntatti wkoll mas-Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali fost oħrajn.

5.30.1. Il-Problemi li Qed Joħloq il-Bagħal taż-Żunżan (M/11)

5.30.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet x'qed jagħmel il-Kunsill biex jikkontrolla l-bagħal taż-żunżan bħal pereżempju jekk hemm bejta bejn Triq il-Muna u Triq is-Sifa.

5.30.3. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin wieġbet li l-Kunsill xtara bramel apposta li qed jitpoġġew fi spazji pubbliċi fejn ikun hemm rapporti dwar invażjoni tal-bagħal taż-żunżan. F'dan il-każ partikolari, jista' jitpoġġa barmil fi Ġnien il-Kenn Soċjali.

5.30.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.31.1. Inizjattiva Soċjali għal Żmien il-Milied (A/5/3 Vol XVI)

5.31.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin xtaqet tressaq suġġeriment sabiex possibbilment fi żmien il-festi tal-Milied, il-Kunsill jorganizza ikla għal dawk il-persuni li jkunu waħedhom u/jew għandhom problemi soċjali. Hija qalet li l-Kunsill jista' jara jġibx xi tip ta' sponsorship għaliex tkun ħaġa sabiħa li dawn il-persuni jkollhom ma' min iqattgħu ftit ħin fi żminijiet tant speċjali.

5.31.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fl-opinjoni tiegħu l-aħjar li jsir kuntatt mal-Arċipriet sabiex possibiliment jidentifika huwa min huma dawn il-persuni.

5.31.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-kunċett huwa sabiħ ħafna u ssuġġerit li anke tista' ssir xi attività soċjali fis-sala tal-Kunsill.

5.31.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jista' jagħti l-każ li dawn il-persuni ma jkunux jixtiequ juru minn huma u għaldaqstant forsi jkun aħjar li jingħataw hamper bi prodotti tal-ikel, eċċ.

5.31.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jsiru kuntatti mal-Arċipriet dwar kif l-aħjar li ssir din l-inizjattiva possibbilment bl-intervent tal-Parroċċa.

5.32.1. Erasmus+ Opportunity for Municipal Representatives – Cyprus and Malta (F/3 Vol XI)

5.32.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ġibet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-imejl mibgħuta minn International Affairs and Training Directorate fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-opportunità ta' Training u attivitajiet ta' koperazzjoni immirati sabiex isaħħu l-koperazzjoni bejn il-muniċipalitajiet ta' Ċipru, Malta, il-Greċja u l-Bulgarija u fl-istess ħin jissapportjaw l-iżvilupp ta' proġetti futuri Erasmus + Youth and European Solidarity Corps.

5.32.3. Huwa qal ukoll li l-attivitajiet ser isiru kif jidher hawn taħt:

Partnership Building Activity – Cyprus: 1–3 December 2026
Project Development Seminar – Malta: 12–14 April 2027

Din l-inizjattiva hija miftuħa għas-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u Staff.

5.32.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.33.1. Rendikont tad-Dħul u l-Ħruġ: Iljieli Melleħin 2026

5.33.2. Matul is-seduta ġie ppreżentat ir-rendikont tad-dħul u l-ħruġ marbut mal-organizazzjoni tal-'Iljieli Melleħin 2026'. Ir-rendikont wera li mill-fondi allokati mill-budget tal-Kunsill, mill-fondi miksuba permezz ta' skema finanzjarja tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u fondi miksuba mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u wara li tħallsu l-ispejjeż kollha li kien hemm involuti, kien fadal bilanċ ta' €6.573.40c.

5.33.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill kien viġilanti f'dak li kellu x'jaqsam ma' spejjeż u dan jidher mill-bilanċ li fadal.

5.33.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.34.1. Proposta ta' Faċilità għat-Trattament ta' Skart Agrikolu fil-Mellieħa (K/6/12)

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li wara li fuq il-midja soċjali dehru xi artikli li allegaw li fil-Mellieħa hemm propost li ssir faċilità għat-trattament ta' skart agrikolu, huwa bagħat komunikat lill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel, lill- Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, lill-Ministeru għat-Turiżmu, lill-Awtorità tal-Artijiet, lill-Awtorità għar-Riżorsi u l-Ambjent, Transport Malta, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

5.34.3. F'dan il-komunikat, is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill jemmen li l-pajjiż għandu jinvesti f'faċilitajiet moderni fejn jidħol is-separazzjoni tal-iskart b'mod sostenibbli, tqajjem tħassib serju għaliex proprju il-Qammiegħ qed jiġi propost bħala l-post identifikat għall-proġett ta' din in-natura u ta' din l-iskala.

5.34.4. Huwa żied jgħid li fl-istess komunikat għalkemm għarraf li din il-proposta kien għadha ma ġietx diskussa b'mod uffiċjali, huwa xtaq jesprimi l-t-tħassib tiegħu. Huwa enfasizza fuq il-fatt li fil-Qammieħ hemm art agrikola, art mhux żviluppata u ambjentalment sensittiva, u jinsab qrib żoni protetti, bajjiet, stabbilimenti turistiċi u infrastruttura eżistenti tad-drenaġġ. Kwalunkwe faċilità addizzjonali tista' żżid aktar il-piż ambjentali fuq din iż-żona u tħalli impatt fuq in-network tat-toroq tal-Mellieħa, is-settur turistiku u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

5.34.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li min-naħa tiegħu ċċekkja ftit fuq din il-proposta u jidher li s'issa nħarġet biss sejħa għall-offerti sabiex wieħed jara jekk hemm bżonn ta' din il-faċilità jew mod ieħor u jekk hemmx min hu interessat li jagħmel użu minnu.

5.34.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u l-membri kollha qablu li fil-waqt li jaqblu mal-prinċipju ta' dan il-proġett, ma jaqblux li għandu jsir fil-Qammieħ.

6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri li tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti CFT MLC 07/2026, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi 'Design, Laying Out and Printing of Council/Children Magazine and Binding of Council Documents';

Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-offerta waħda li ġiet sottomessa, skont il-minuti tal-25 ta' Awwissu 2026; u

Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 2970 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2026;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Salander Group Limited għall-erba' snin li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €44,640 bit-taxxa miżjuda.". **(P/3/2/Vol V)**

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Cauchi.

6.1.2. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li tgħid:

"Billi saret sejħa għall-offerti CFT MLC 08/2026, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi 'Christmas Street Decorations in Various Streets in Mellieha and Manikata';

Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tat-tliet offerti sottomessi, skont il-minuti tal-25 ta' Awwisuu 2026; u

Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 3370 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2026;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' erba' snin mal-offerent Mr Carl Caruana li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €187,573.84 bit-taxxa miżjuda.". **(T/4/15/Vol II)**

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera L. Darmanin.

7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 25 ta' Settembru 2026.

7.1.3. Tressqet Skeda ta' Pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-22 ta' Awwissu 2026 u l-25 ta' Settembru 2026.

7.1.4. Tressqet ukoll Skeda tal-Petty Cash li tkopri bejn l-10 ta' Lulju 2026 u s-16 ta' Awwissu 2026.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fid-9.00pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ottubru 2026 fil-5.30pm.

Gabriel Micallef
Sindku

Marica Gambin
Segretarju Eżekuttiv